2026/1896

30.7.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/1896

tat-30 ta' Lulju 2026

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-ksur u l-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-7 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 ([1]).

(2) Fit-8 ta' Diċembru 2020, fid-Dikjarazzjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà , f'isem l-Unjoni Ewropea, dwar ir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha affermaw mill-ġdid l-impenn qawwi tagħhom lejn il-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja. Ir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem jenfasizza d-determinazzjoni tal-Unjoni li ssaħħaħ ir-rwol tagħha fl-indirizzar ta' ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja. Il-kisba tat-tgawdija effettiva tad-drittijiet tal-bniedem għal kull persuna hija għan strateġiku tal-Unjoni. Ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem huwa valur fundamentali tal-Unjoni u tal-politika estera u ta' sigurtà komuni tagħha.

(3) L-Unjoni esprimiet b'mod konsistenti thassib serju dwar il-proliferazzjoni ta' ċentri għall-frodi online fix-Xlokk tal-Asja, li huma mħaddma minn networks tranżnazzjonali tal-kriminalità organizzata u huma assoċjati mat-traffikar tal-bnedmin, il-kriminalità furzata, id-detenzjoni arbitrarja, it-tortura u ksur u abbużi serji oħra tad-drittijiet tal-bniedem. L-Unjoni ssottolinjat il-ħtieġa li jiġu żarmati dawk in-networks kriminali, jiġu protetti l-vittmi u li dawk responsabbli jinżammu responsabbli. L-Unjoni diġà imponiet miżuri restrittivi fuq dawk responsabbli għal operazzjonijiet ta' frodi online li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Myanmar/Burma u tar-reġjun.

(4) F'dak il-kuntest, jenħtieġ li seba' persuni u tliet entitajiet jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1999 tas-7 ta' Diċembru 2020 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-ksur u l-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem (ĠU L 410 I, 7.12.2020, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2020/1999/oj).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Lulju 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

T. BYRNE

ANNESS

L-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 huwa emendat kif ġej:

(1) ll-entrati li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni naturali u ġuridiċi, entitajiet u korpi taħt l-intestatura "A. Persuni fiżiċi":

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
"147.	Chen ZHI magħruf ukoll bħala Neak Oknha Chen Zhi	陈志 (Ċiniż) チェン・ジー (Ġappuniż) ឆែន ជឺ (Khmer)	Pożizzjoni(jiet): President tal-Prince Holding Group Nazzjonalità: Iċ-Ċina, il-Kambodja Data tat-twelid: 16.12.1987 Post tat-twelid: Ċina Sess: raġel	Chen Zhi huwa l-President tal-Prince Holding Group. Il-Prince Holding Group huwa konglomerat ta' diversi biljuni ta' dollari bbażat fil-Kambodja li jibni kumplessi ta' ċentri għall-frodi online fil-Kambodja u fil-Myanmar/Burma permezz ta' kumpaniji fittizji differenti. Chen Zhi huwa involut fi ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-Myanmar/Burma minħabba r-rwol tiegħu fl-iffaċilitar ta' ċentri għall-frodi online fuq skala kbira. Il-Prince Holding Group bena u opera mill-inqas għaxar kumplessi ta' ċentri għall-frodi online fil-Kambodja kollha li jwettqu frodi online fil-qasam tal-investiment fi kriptovaluti u skemi frodulenti oħra. Dawk il-kumplessi ta' ċentri għall-frodi online jinkludu l-Jinbei Compound fil-Kambodja, il-Golden Fortune Science Case and Technology Park (magħruf ukoll bħala l-Jinyun Compound) u l-Mango Park (magħruf ukoll bħala l-Jinhong Park). F'dawk il-kumplessi ta' ċentri għall-frodi online, bosta vittmi minn pajjiżi differenti jiġu ttraffikati jew attratti permezz ta' pretenzjonijiet foloz, miżmuma kontra r-rieda tagħhom, u mġiegħla jwettqu frodi online mmirati lejn vittmi madwar id-dinja. Barra minn hekk, vittmi li jaħdmu fil-kumplessi ta' ċentri għall-frodi online jirrappurtaw abbuż, tortura, ħtif, u detenzjoni illegali f'dawk il-kumplessi. Il-vittmi li jippruvaw jaħarbu jew jirrifjutaw li jikkooperaw jiġu soġġetti għal vjolenza, intimidazzjoni, u forom oħra ta' trattament ħażin sever. L-assoċjati tal-Prince Holding Group, taħt id-direzzjoni ta' Chen Zhi, sikwit użaw il-vjolenza u l-koerċizzjoni biex jiksbu eżiti tan-negozju u jkomplu l-iskemi kriminali tagħhom. Barra minn hekk, Chen Zhi kellu fil-pussess tiegħu immaġnijiet ta' vittmi feruti kawża tal-metodi vjolenti użati mill-Prince Holding Group. Għalkemm Chen Zhi ġie arrestat f'Jannar 2026, il-kumplessi ta' ċentri għall-frodi online konnessi miegħu għadhom qed joperaw. Għaldaqstant, Chen Zhi huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż it-traffikar ta' bnedmin, tortura u trattament jew pieni krudili, inumani u degradanti oħra. Chen Zhi huwa involut ukoll f'dak il-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż l-iffaċilitar ta' tali atti.	30.7.2026

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
148.	Zhu ZHONGBAIO magħruf ukoll bħala Zhu Jack	朱中彪 (Ċiniż) ジュ・チュオンビャオ (Ġappuniż) ស្វាយ ជុងទិញ្ញោ (Khmer)	Pożizzjoni(jiet): President tal-Jin Bei Group Nazzjonalità: Iċ-Ċina, il-Kambodja Data tat-twelid: 23.12.1981 Sess: raġel Indirizz: Village 4, Sangkat 4, Preah Sihanouk City, il-Kambodja	Zhu Zhongbaio huwa l-president tal-Jin Bei Group. Il-Jin Bei Group huwa konglomerat li jibni każinos u kumplessi ta' ċentri għall-frodi online fil-Kambodja. Zhu Zhongbaio huwa involut fi ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-Kambodja minħabba r-rwol tiegħu fl-iffaċilitar ta' ċentri għall-frodi online fuq skala kbira. In-network tal-Jin Bei Group għandu network ta' każinos u kumpaniji relatati f'Sihanoukville fil-Kambodja, inkluż Jin Bei 4, kumpless ta' centri għall-frodi online li jwettaq frodi online fil-qasam tal-investiment fi kriptovaluti u skemi frodulenti oħra. F'dawk il-kumplessi ta' ċ-ċentri għall-frodi, bosta vittmi minn pajjiżi differenti jiġu ttraffikati jew attratti permezz ta' pretenzjonijiet foloz, miżmuma kontra r-rieda tagħhom, u mġiegħla jwettqu frodi online mmirati lejn vittmi madwar id-dinja. Barra minn hekk, vittmi li jaħdmu fil-kumplessi ta' ċentri għall-frodi online jirrappurtaw abbuż, tortura, ħtif, u detenzjoni illegali f'dawk il-kumplessi. Il-vittmi li jippruvaw jaħarbu jew jirrifjutaw li jikkooperaw jiġu soġġetti għal vjolenza, intimidazzjoni, u forom oħra ta' trattament ħażin sever. Barra minn hekk, il-Jin Bei Group u l-entitajiet relatati tiegħu huma assoċjati mal-Prince Holding Group, konglomerat ta' diversi biljuni ta' dollari bbażat fil-Kambodja li jibni kumplessi ta' ċentri għall-frodi online fil-Kambodja u fil-Myanmar/Burma permezz ta' kumpaniji fittizji differenti. Għaldaqstant, Zhu Zhongbaio huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż it-traffikar ta' bnedmin, tortura u trattament jew pieni krudili, inumani u degradanti oħra.	30.7.2026

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
149.	Saw San AUNG	索桑昂 (Ċiniż) ソー・サン・アウン (Ġappuniż) စောစံအောင် (Burmiż/Myanmarjan)	Pożizzjoni(jiet): Kap Kmandant tad-Democratic Karen Benevolent Army Nazzjonalità: Il-Myanmar/Burma Data tat-twelid: 28.7.1968 Sess: raġel	Saw San Aung huwa wieħed mill-mexxejja tad-Democratic Karen Benevolent Army (DKBA), grupp armat tal-Myanmar/Burmiż li jikkontrolla territorju fl-Istat ta' Karen tal-Myanmar, madwar Myawaddy fil-fruntiera bejn il-Myanmar/Burma u t-Tajlandja. Id-DKBA huwa involut fi ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-Myanmar minħabba r-rwol tiegħu fl-iffaċilitar ta' ċentri għall-frodi online fuq skala kbira. Id-DKBA ppermetta li l-kumplessi ta' ċentri tal-frodi joperaw taħt il-protezzjoni tiegħu u ppermetta li n-networks kriminali jiffunzjonaw fiż-żoni taħt il-kontroll tiegħu. F'dawk il-kumplessi ta' ċentri għall-frodi, bosta vittmi jiġu ttraffikati jew attratti permezz ta' pretenzjonijiet foloz, miżmuma kontra r-rieda tagħhom, u mġiegħla jwettqu frodi online mmirati lejn vittmi madwar id-dinja. Rapporti mill-vittmi jindikaw abbuż, tortura, u trattament inuman f'dawk il-kumplessi. Is-suldati tad-DKBA ġew irrappurtati wkoll li jipparteċipaw fil-vjolenza kontra individwi traffikati, inkluż is-swat ta' individwi traffikati mmanettati. Il-persuni li jippruvaw jaħarbu jew jirrifjutaw li jikkooperaw jiġu soġġetti għal intimidazzjoni, vjolenza u forom oħra ta' trattament ħażin sever. Id-DKBA jappoġġa u jipproteġi ċ-ċentri għall-frodi ċibernetika, jipprovdi sigurtà għal kumplessi bħall-kumpless ta' Tai Chang, jgħin fit-tkomplija tal-operat tagħhom, u jibbenefika b'mod attiv mid-dħul iġġenerat minn dawn l-attivitajiet kriminali. Għaldaqstant, Saw San Aung huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż it-traffikar ta' bnedmin, tortura u trattament jew pieni krudili, inumani u degradanti oħra. Saw San Aung huwa involut ukoll f'dak il-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż bl-iffaċilitar ta' tali atti.	30.7.2026

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
150.	Sai Kyaw HLA magħruf ukoll bħala Ko Sai	賽因乔拉 (Ċiniż) サイン・チョー・ラ (Ġappuniż) စိုင်းကျော်ဋ္ဌ (Burmiż/Myanmarjan)	Pożizzjoni(jiet): Maġġur Ġeneral u President tal-Kumitat Ekonomiku Ċentrali tad-Democratic Karen Benevolent Army Nazzjonalità: Il-Myanmar/Burma Data tat-twelid: 6.9.1971 Post tat-twelid: Il-Myanmar/Burma Sess: raġel	Sai Kyaw Hla huwa Maġġur Ġeneral u President tal-Kumitat Ekonomiku Ċentrali tad-Democratic Karen Benevolent Army (DKBA), grupp armat Myanmar/Burmiż li jikkontrolla territorju fl-Istat ta' Karen tal-Myanmar/Burma, madwar Myawaddy fil-fruntiera bejn il-Myanmar/Burma u t-Tajlandja. Id-DKBA huwa involut fi ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-Myanmar/Burma minħabba r-rwol tiegħu fl-iffaċilitar ta' ċentri għall-frodi online fuq skala kbira. Id-DKBA ppermetta li l-kumplessi ta' ċentri tal-frodi joperaw taħt il-protezzjoni tiegħu u ppermetta li n-networks kriminali jiffunzjonaw fiż-żoni taħt il-kontroll tiegħu. F'dawk l-kumplessi b'ċentri għall-frodi, bosta vittmi jiġu ttraffikati jew attratti permezz ta' pretenzjonijiet foloz, miżmuma kontra r-rieda tagħhom, u mġiegħla jwettqu frodi online mmirati lejn vittmi madwar id-dinja. Rapporti mill-vittmi jindikaw abbuż, tortura, u trattament inuman f'dawk il-kumplessi. Is-suldati tad-DKBA ġew irrappurtati wkoll li jipparteċipaw fil-vjolenza kontra individwi traffikati, inkluż is-swat ta' individwi mmanettati. Il-persuni li jippruvaw jaħarbu jew jirrifjutaw li jikkooperaw jiġu soġġetti għal intimidazzjoni, vjolenza u forom oħra ta' trattament ħażin sever. Id-DKBA jappoġġa u jipproteġi ċ-ċentri għall-frodi ċibernetika, jipprovdi sigurtà għal kumplessi bħall-kumpless ta' Tai Chang, jgħin fit-tkomplija tal-operat tagħhom, u jibbenefika b'mod attiv mid-dħul iġġenerat minn dawk l-attivitajiet kriminali. Għaldaqstant, Sai Kyaw Hla huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż it-traffikar ta' bnedmin, tortura u trattament jew pieni krudili, inumani u degradanti oħra. Sai Kyaw Hla huwa involut ukoll f'dak il-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż bl-iffaċilitar ta' tali atti.	30.7.2026

	Ismijiet (Traż-litterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
151.	Saw STEEL	索斯蒂 (Ċiniż) ソー・スティー (Ġappuniż) စောစတီး (Burmiż/Myanmarjan)	Pożizzjoni(jiet)Patrun tal-Kunsill Konsultattiv Ċentrali tad-Democratic Karen Benevolent Army; (eks-Kap Kmandant tad-Democratic Karen Benevolent Army) Nazzjonalità: Il-Myanmar/Burma Data tat-twelid: 27.3.1961 Sess: raġel	Saw Steel huwa Patrun tal-Kunsill Konsultattiv Ċentrali tad-Democratic Karen Benevolent Army (DKBA) u eks-Kap Kmandant tad-DKBA, grupp armat Myanmar/Burmiż li jikkontrolla territorju fl-Istat ta' Karen tal-Myanmar, madwar Myawaddy fil-fruntiera bejn il-Myanmar/Burma u t-Tajlandja. Id-DKBA huwa involut fi ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-Myanmar/Burma minħabba r-rwol tiegħu fl-iffaċilitar ta' ċentri għall-frodi online fuq skala kbira. Id-DKBA ippermetta li l-kumplessi ta' ċentri tal-frodi joperaw taħt il-protezzjoni tiegħu u ppermetta li n-networks kriminali jiffunzjonaw fiż-żoni taħt il-kontroll tiegħu. F'dawk il-kumplessi b'ċentri, għall-frodi, bosta vittmi jiġu ttraffikati jew attratti permezz ta' pretenzjonijiet foloz, miżmuma kontra r-rieda tagħhom, u mġiegħla jwettqu frodi online mmirati lejn vittmi madwar id-dinja. Rapporti mill-vittmi jindikaw abbuż, tortura, u trattament inuman f'dawk il-kumplessi. Is-suldati tad-DKBA ġew irrappurtati wkoll li jipparteċipaw fil-vjolenza kontra individwi traffikati, inkluż is-swat ta' individwi traffikati mmanettati. Il-persuni li jippruvaw jaħarbu jew jirrifjutaw li jikkooperaw jiġu soġġetti għal intimidazzjoni, vjolenza u forom oħra ta' trattament ħażin sever. Id-DKBA jappoġġa u jipproteġi ċ-ċentri għall-frodi ċibernetika, jipprovdi sigurtà għal kumplessi bħall-kumpless ta' Tai Chang, jgħin fit-tkomplija tal-operat tagħhom, u jibbenefika b'mod attiv mid-dħul iġġenerat minn dawk l-attivitajiet kriminali. Għaldaqstant, Saw Steel huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż it-traffikar ta' bnedmin, tortura u trattament jew pieni krudili, inumani u degradanti oħra. Saw Steel huwa involut ukoll f'dak il-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż bl-iffaċilitar ta' tali atti.	30.7.2026

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
152.	Saw Sein WIN	盛温 (Ċiniż) セイン・ウィン (Ġappuniż) စိန်ဝင်း (Burmiż/Myanmarjan)	Pożizzjoni(jiet): Ajjutant Ġeneral tad-Democratic Karen Benevolent Army Nazzjonalità: Il-Myanmar/Burma Data tat-twelid: 1956 Sess: raġel	Saw Sein Win huwa Ajjutant Ġeneral tad-Democratic Karen Benevolent Army (DKBA), grupp armat Myanmar/Burmiż li jikkontrolla territorju fl-Istat ta' Karen tal-Myanmar/Burma, madwar Myawaddy fil-fruntiera bejn il-Myanmar u t-Tajlandja. Id-DKBA huwa involut fi ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-Myanmar/Burma minħabba r-rwol tiegħu fl-iffaċilitar ta' ċentri għall-frodi online fuq skala kbira. Id-DKBA ppermetta li l-kumplessi ta' ċentri tal-frodi joperaw taħt il-protezzjoni tiegħu u ppermetta li n-networks kriminali jiffunzjonaw fiż-żoni taħt il-kontroll tiegħu. F'dawk il-kumplessi ta' ċentri, għall-frodi, bosta vittmi jiġu ttraffikati jew attratti permezz ta' pretenzjonijiet foloz, miżmuma kontra r-rieda tagħhom, u mġiegħla jwettqu frodi online mmirati lejn vittmi madwar id-dinja. Rapporti mill-vittmi jindikaw abbuż, tortura, u trattament inuman f'dawk il-kumplessi. Is-suldati tad-DKBA ġew irrappurtati wkoll li jipparteċipaw fil-vjolenza kontra individwi traffikati, inkluż is-swat ta' individwi traffikati mmanettati. Il-persuni li jippruvaw jaħarbu jew jirrifjutaw li jikkooperaw jiġu soġġetti għal intimidazzjoni, vjolenza u forom oħra ta' trattament ħażin sever. Id-DKBA jappoġġa u jipproteġi ċ-ċentri għall-frodi ċibernetika, jipprovdi sigurtà għal kumplessi bħall-kumpless ta' Tai Chang, jgħin fit-tkomplija tal-operat tagħhom, u jibbenefika b'mod attiv mid-dħul iġġenerat minn dawk l-attivitajiet kriminali. Għaldaqstant, Saw Sein Win huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż it-traffikar ta' bnedmin, tortura u trattament jew pieni krudili, inumani u degradanti oħra. Saw Sein Win huwa involut ukoll f'dak il-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż bl-iffaċilitar ta' tali atti.	30.7.2026

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
153.	Saw Eh Le HTOO	索依李图 (Ċiniż) ソー・イリトゥー (Ġappuniż) စောအိလိထူး (Burmiż/Myanmarjan)	Pożizzjoni(jiet): Kurunell tad-Democratic Karen Benevolent Army u operatur tal-kumpless ta' ċentri għall-frodi online ta' Deeko Park. Nazzjonalità: Il-Myanmar/Burma Sess: raġel	Saw Eh Le Htoo huwa kurunell tad-Democratic Karen Benevolent Army (DKBA), grupp armat Myanmar/Burmiż li jikkontrolla territorju fl-Istat ta' Karen tal-Myanmar/Burma, madwar Myawaddy fil-fruntiera bejn il-Myanmar/Burma u t-Tajlandja. Id-DKBA huwa involut fi ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-Myanmar/Burma minħabba r-rwol tiegħu fl-iffaċilitar ta' ċentri għall-frodi online fuq skala kbira. Barra minn hekk, Saw Eh Le Htoo huwa rrappurtat li qed jopera l-kumpless ta'ċentri għall-frodi online ta' Deeko Park. Id-DKBA ppermetta li l-kumplessi b'ċentri tal-frodi online joperaw taħt il-protezzjoni tiegħu u ppermetta li n-networks kriminali jiffunzjonaw fiż-żoni taħt il-kontroll tiegħu. F'dawk il-kumplessi ta' ċentri għall-frodi online, bosta vittmi jiġu ttraffikati jew attratti permezz ta' pretenzjonijiet foloz, miżmuma kontra r-rieda tagħhom, u mġiegħla jwettqu frodi online mmirati lejn il-vittmi madwar id-dinja. Rapporti mill-vittmi jindikaw abbuż, tortura, u trattament inuman f'dawk il-kumplessi. Is-suldati tad-DKBA ġew irrappurtati wkoll li jipparteċipaw fil-vjolenza kontra individwi traffikati, inkluż is-swat ta' individwi traffikati mmanettati. Il-persuni li jippruvaw jaħarbu jew jirrifjutaw li jikkooperaw jiġu soġġetti għal intimidazzjoni, vjolenza u forom oħra ta' trattament ħażin sever. Id-DKBA jappoġġa u jipproteġi ċ-ċentri għall-frodi ċibernetika, jipprovdi sigurtà għal kumplessi bħall-kumpless ta' Tai Chang u ta' Deeko Park, jgħin fit-tkomplija tal-operat tagħhom, u jibbenefika b'mod attiv mid-dħul iġġenerat minn dawn l-attivitajiet kriminali. Għaldaqstant, Saw Eh Le Htoo huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż it-traffikar ta' bnedmin, tortura u trattament jew pieni krudili, inumani u degradanti oħra. Saw Eh Le Htoo huwa involut ukoll f'dak il-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż bl-iffaċilitar ta' tali atti.	30.7.2026”;

(2) L-entrati li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni naturali u ġuridiċi, entitajiet u korpi taħt l-intestatura "B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi":

	Ismijiet (Traslitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
"43.	Democratic Karen Benevolent Army		Indirizz: Il-Myanmar/Burma, primarjament fl-Istat ta' Kayin (Karen) u tul il-fruntiera bejn it-Tajlandja u l-Myanmar/Burma Tip ta' entità: Milizzja etnika armata; storikament fergħa ta' Karen National Union (KNU) Il-post prinċipali tan-negozju: l-Istat ta' Kayin (Karen), il-Myanmar/Burma	Id-Democratic Karen Benevolent Army (DKBA) huwa grupp armat Myanmar/Burmiż, li jikkontrolla territorju fl-Istat ta' Karen tal-Myanmar/Burma, madwar Myawaddy fil-fruntiera bejn il-Myanmar/Burma u t-Tajlandja. Id-DKBA iwettaq u huwa involut fi ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-Myanmar minħabba r-rwol tiegħu fl-iffaċilitar ta' ċentri għall-frodi online fuq skala kbira. Il-DKBA ippermetta li dawk il-kumplessi ta' ċentri tal-frodi joperaw taħt il-protezzjoni tiegħu u ppermetta li n-networks kriminali jiffunzjonaw fiż-żoni taħt il-kontroll tiegħu. F'dawk il-kumplessi ta'ċentri, għall-frodi, bosta vittmi jiġu ttraffikati jew attratti permezz ta' pretenzjonijiet foloz, miżmuma kontra r-rieda tagħhom, u mġiegħla jwettqu frodi online mmirati lejn vittmi madwar id-dinja. Barra minn hekk, il-vittmi li jaħdmu fil-kumplessi ta' ċentri għall-frodi online jirrappurtaw abbuż, tortura u trattament inuman f'dawk il-kumplessi. Suldati tad-DKBA ġew irrappurtati li jipparteċipaw fi vjolenza kontra l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin maqbuda ġewwa l-kumpless, bħal pereżempju billi jsawtu individwi traffikati mmanettati. Il-vittmi li jippruvaw jaħarbu jew jirrifjutaw li jikkooperaw jiġu soġġetti għal vjolenza, intimidazzjoni, u forom oħra ta' trattament ħażin sever. Għaldaqstant, id-DKBA huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż it-traffikar ta' bnedmin, tortura u trattament jew pieni krudili, inumani u degradanti oħra. Id-DKB A huwa involut ukoll f'dak il-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż bl-iffaċilitar ta' tali atti.	30.7.2026

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
44.	Prince Holding Group		Tip ta' entità: Konglomerat	Il-Prince Holding Group huwa konglomerat ta' diversi biljuni ta' dollari bbażat fil-Kambodja li jibni kumplessi ta' ċentri għall-frodi online fil-Kambodja u fil-Myanmar/Burma permezz ta' kumpaniji fittizji differenti. Il-Prince Holding Group huwa involut fi ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-Myanmar/Burma minħabba r-rwol tiegħu fl-iffaċilitar ta' ċentri għall-frodi online fuq skala kbira. Il-Prince Group bena u opera mill-inqas għaxar kumplessi ta' ċentri għall-frodi online fil-Kambodja kollha li jwettqu frodi online fil-qasam tal-investiment fi kriptovaluti u skemi frodulenti oħra. Dawk il-kumplessi ta' ċentri għall-frodi online jinkludu l-Jinbei Compound fil-Kambodja, il-Golden Fortune Science Case and Technology Park (magħruf ukoll bħala l-Jinyun Compound) u l-Mango Park (magħruf ukoll bħala l-Jinhong Park). F'dawk il-kumplessi ta'ċentri għall-frodi, bosta vittmi minn pajjiżi differenti jiġu ttraffikati jew attratti permezz ta' pretenzjonijiet foloz, miżmuma kontra r-rieda tagħhom, u mġiegħla jwettqu frodi online mmirati lejn vittmi madwar id-dinja. Barra minn hekk, il-vittmi li jaħdmu fil-kumplessi ta' ċentri għall-frodi online jirrappurtaw abbuż, prostituzzjoni furzata, estorsjoni, tortura, ħtif, u detenzjoni illegali f'dawn il-kumplessi. Il-vittmi li jippruvaw jaħarbu jew jirrifjutaw li jikkooperaw jiġu soġġetti għal vjolenza, intimidazzjoni, u forom oħra ta' trattament ħażin sever. L-assoċjati tal-Prince Holding Group ġew irrappurtati li jipparteċipaw fil-vjolenza kontra l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin maqbuda ġewwa l-kumpless, bl-approvazzjoni tad-direttur tal-Prince Holding Group Chen Zhi. Minkejja li l-grupp ġie soġġett għal repressjonijiet qawwija, il-grupp għadu ma ġiex żarmat kompletament u jiċħad l-allegazzjonijiet u huwa impenjat li jiddefendi lilu nnifsu f'kull ġuriżdizzjoni. Għaldaqstant, il-Prince Holding Group huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż it-traffikar ta' bnedmin, tortura u trattament jew pieni krudili, inumani u degradanti oħra. Il-Prince Holding Group huwa involut ukoll f'dak il-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż bl-iffaċilitar ta' tali atti.	30.7.2026

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
45.	Jin Bei Group		Indirizz: St. 2 thnou, Phum 04, Sangkat 04, Krong Preah Sihanouk, Preah Sihanouk Province, Sihanoukville, Preah sihanouk, il-Kambodja Tip ta' entità: Kumpanija tad-divertiment Post prinċipali tan-negozju: Phnom Penh Cambodia, Sihanoukville, il-Kambodja Sit web: www.jinbei-group.com	Il-Jin Bei Group huwa konglomerat li jibni każinos u kumplessi ta' ċentri għall-frodi online fil-Kambodja. Il-Jin Bei Group huwa involut fi ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-Kambodja minħabba r-rwol tiegħu fl-iffaċilitar ta' ċentri għall-frodi online fuq skala kbira. Il-Jin Bei Group għandu network ta' każinos u kumpaniji relatati f'Sihanoukville fil-Kambodja, inkluż Jin Bei 4, kumpless ta' ċentri għall-frodi li jwettaq frodi online fil-qasam tal-investiment fi kriptovaluti u skemi frodulenti oħra. F'dawk il-kumplessi ta' ċentri għall-frodi, bosta vittmi minn pajjiżi differenti jiġu ttraffikati jew attratti permezz ta' pretenzjonijiet foloz, miżmuma kontra r-rieda tagħhom, u mġiegħla jwettqu frodi online mmirati lejn il-vittmi madwar id-dinja. Barra minn hekk, vittmi li jaħdmu fil-kumplessi ta' ċentri għall-frodi online jirrappurtaw abbuż, tortura, ħtif, u detenzjoni illegali f'dawk il-kumplessi. Il-vittmi li jippruvaw jaħarbu jew jirrifjutaw li jikkooperaw jiġu soġġetti għal vjolenza, intimidazzjoni, u forom oħra ta' trattament ħażin sever. Barra minn hekk, il-Jin Bei Group u l-entitajiet relatati tiegħu huma assoċjati mal-Prince Holding Group, konglomerat ta' diversi biljuni ta' dollari bbażat fil-Kambodja li jibni kumplessi ta' ċentri għall-frodi online fil-Kambodja u fil-Myanmar/Burma permezz ta' kumpaniji fittizji differenti. Għaldaqstant, il-Jin Bei Group huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż it-traffikar ta' bnedmin, tortura u trattament jew pieni krudili, inumani u degradanti oħra.	30.7.2026".

ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2026/1896/oj